ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014**

| |
|---|
| |
| **Il-Marka minn 80** |

**Il-Ħames Sena** **L-ISTUDJI SOĊJALI** **Il-Ħin: Siegħa u kwart**

**L-Isem:** ___________________________________ **Il-Klassi:** ______________

## 1. Il-Komunikazzjoni. Aqta' sing taħt it-tajbin.



1. Il-komunikazzjoni hija l-mod kif aħna ngħaddu (l-ballun, messaġġi, rigali) lil persuni oħra.
2. Aħna nistgħu nikkomunikaw ma' persuni oħra (bil-kliem, bis-siġar, bil-muntanji).
3. Meta żewġ persuni ma jkunux jafu jitkellmu bl-istess lingwa, jistgħu jikkomunikaw bejniethom (bis-sinjali, bil-karozzi, bil-vapuri).
4. Mod kif inwasslu messaġġ favur l-indafa pubblika huwa li (tixtri umbrella ħadra, tilgħab iktar, tikteb fil-gazzetti).
5. (Il-lingwa, It-triq, Id-dar) hija l-karatteristika ewlenija tal-identità ta' poplu u nazzjon.
6. Kotba tajbin miktuba b'lingwi barranin jistgħu jitgawdew minna l-Maltin billi (nixtruhom minn fuq l-Internet, naqilbuhom għall-Malti, npoġġuhom fil-librerija nazzjonali).
7. L-iktar gazzetti li naqraw aħna l-Maltin ikunu miktuba bil-lingwa Maltija jew bil-lingwa (Spanjola, Russa, Ingliża).
8. Nistgħu nitgħallmu ħafna dwar il-kultura ta' nies barranin meta (nimxu, nsiefru, ngħumu).
9. (Ix-xemx, Il-gazzetta, Il-bandiera nazzjonali) hija simbolu importanti li jservi ta' għaqda fostna l-Maltin.
10. Il-festi li niċċelebraw bil-baned u l-logħob tan-nar huma parti importanti (mill-kultura, mil-lingwa, mill-kotba) tagħna l-Maltin.

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**2. Aqra:** Iż-żewġ stampi t'hawn jgħallmuna xi ħaġa importanti ħafna.





**Wieġeb: Ikteb it-tagħlima prinċipali li tista' titgħallem minn din l-istampa.**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_________________________________________________________________ **(3 marki)**

**3. Qabbel dawn is-sentenzi billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta.** Ara l-eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | Ħwejjeġ ħoxnin, bħall-kowtijiet | | fl-istaġun tas-sajf. |
| 2 | Biex inkun naf il-qawwa u d-direzzjoni tar-riħ | | la tagħmel ħafna sħana u lanqas ħafna bard. |
| 3 | It-temp ikun kiesaħ, imsaħħab u bix-xita | | ġieli jagħmlu ħsarat kbar lill-prodotti li jkabbar il-bidwi fl-għelieqi u s-serer. |
| 4 | Fil-jiem tal-ħarifa u tar-rebbiegħa | | ikollna ħafna bard. |
| 5 | Il-maltempati qawwija | | ikollna s-sħana. |
| 6 | It-temp ikun sħun, ċar u xemxi | **1** | nilbsuhom l-iktar fl-istaġun tax-xitwa. |
| 7 | Fil-ħarifa u fix-xitwa | | jinżel ħafna silġ. |
| 8 | Meta t-temperatura tal-arja togħla | | fl-istaġun tax-xitwa. |
| 9 | Meta t-temperatura tal-arja tinżel taħt l-10 gradi Celsius | | nisma' r-rapport tat-temp. |
| 10 | Fin-naħat ta' fuq tal-Italja, fl-istaġun tax-xitwa | | tagħmel sħana qawwija fl-istaġun tas-sajf. |
| 11 | Fin-naħa t'isfel tal-Mediterran bħal-Libja u l-Eġittu | | il-ġranet ikunu qosra. |

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**4. Wieġeb dwar id-deżert.**



1. Semmi żewġ tipi ta' deżert li jeżistu fid-dinja:

   (a) ________________________________ (1)

   (b) ________________________________ (1)

2. Agħti żewġ raġunijiet għaliex huwa diffiċli ħafna biex il-bniedem jgħix fid-deżert:

   (a) Raġuni 1: ________________________________

   ________________________________ (2)

   (b) Raġuni 2: ________________________________

   ________________________________ (2)

3. Semmi deżert kbir ħafna li nsibu ġewwa l-Afrika.

   ________________________________ (1)

4. Semmi annimal li jintuża ħafna waqt xi vjaġġ f'dan id-deżert kbir Afrikan.

   ________________________________ (1)

5. Agħti raġuni waħda għaliex inti tippreferi tgħix f'Malta u mhux f'xi deżert.

   ________________________________

   ________________________________ (2)

**(10 marki)**

**5. Wieġeb dwar it-temp estrem.**



1. Għaliex huwa ħażin li tagħmel ħafna xita f'daqqa?

   Semmi żewġ raġunijiet.

Raġuni A: ________________________________ (2)

Raġuni B: ________________________________ (2)



2. Għaliex huwa ħażin meta ma tagħmilx biżżejjed xita?

   Semmi żewġ raġunijiet.

Raġuni A: ________________________________ (2)

Raġuni B: ________________________________ (2)

**(8 marki)**

**6. Immarka b'ċirku dak li jista' jiġri meta jagħmel terremot.**

Waħda minnhom hija lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| isir il-frott | jinfaqgħu l-bjar | jinqata' d-dawl |
| jiftħu l-fjuri | ikollna iktar basal | Jaqgħu d-djar |
| jitkissru t-toroq | nirbħu fil-futbol | jieqaf it-trasport |
| jinżergħu s-siġar | imutu n-nies | jinżebgħu d-djar |

**(marka 1 x 5 = 5 marki)**

**7. Aqra:** Fir-ritratt jidher wieħed mill-irħula Maltin fejn insibu jaħdmu ħafna sajjieda. **Wieġeb.**



1. Wieħed minn dawn l-irħula li ġejjin huwa magħruf ħafna għas-sajd. Ikteb ismu fil-vojt: IL-MOSTA, ĦAL QORMI, MARSAXLOKK, IR-RABAT.

   ______________________ (1)

2. Semmi tip ta' dgħajsa li jħobbu jużaw is-sajjieda Maltin biex joħorġu jistadu għal-lampuki biha.

   ____________________________________________________________ (1)

3. Semmi metodu wieħed kif is-sajjieda Maltin jaqbdu l-lampuki.

   ____________________________________________________________ (2)

4. Għaliex il-ħajja tas-sajjied hija waħda iebsa?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________ (3)

5. X'inhi d-differenza bejn sajjied *full-time* u sajjied *part-time*?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________ (3)

**(10 marki)**

**8. Aqra.** Fir-ritratt jidher vapur qiegħed jagħmel il-vjaġġ bejn Malta u Għawdex. Bosta turisti jħobbu jżuru l-gżira t'Għawdex meta jkunu għall-vaganzi tagħhom hawnhekk. **Wieġeb il-mistoqsijiet.**




1. Immarka l-erba' (4) postijiet minn dawn li ġejjin, fejn iħobbu jmorru joqogħdu t-turisti meta jiġu Malta. (TAS-SLIEMA, ĦAL QORMI, IS-SIĠĠIEWI, ĦAL KIRKOP, BUĠIBBA, SANTA LUĊIJA, IL-MOSTA, MARSASCALA, ĦAD-DINGLI, ĦAŻ-ŻEBBUĠ, MARSALFORN). (4)

2. Semmi żewġ xogħlijiet li huma marbuta ħafna mat-turiżmu:

   Xogħol A:

   ________________________________________ (2)

   Xogħol B:

   ________________________________________ (2)



3. Semmi żewġ raġunijiet għalfejn bosta turisti jagħżlu li jiġu fil-Gżejjer Maltin għall-vaganzi tagħhom:

   Raġuni A:

   ________________________________________

   ________________________________________ (2)

   Raġuni B:

   ________________________________________

   ________________________________________ (2)

4. Agħmel suġġeriment wieħed kif aħna l-istudenti nistgħu ngħinu biex inħajru iżjed turisti jżuru Malta.

   ________________________________________

   ________________________________________ (2)

**(14-il marka)**

**9. Il-Logħob Olimpiku. Aqta' sing taħt it-tajbin.**

1. Fil-logħob Olimpiku Antik kienu jieħdu sehem (l-irġiel biss, in-nisa biss, l-irġiel u n-nisa).
2. Fil-logħob Olimpiku Modern jieħdu sehem (l-irġiel biss, in-nisa biss, l-irġiel u n-nisa).
3. Fl-antik il-Logħob Olimpiku kien isir ad unur (ta' alla Zeus, tal-Griegi, tar-Rumani).
4. L-isport tat-twaddib tad-disku u tal-lanza nsibuh (fil-logħob Antik biss, fil-logħob Modern biss, kemm fil-logħob Antik kif ukoll fil-logħob Modern).
5. Fl-Antik ir-rebbieħa kienu jingħataw (tazza, kuruna, lanza) tar-rand.
6. Wara li l-logħob Olimpiku Antik ma baqax isir, reġa' beda jiġi organizzat fl-1896 (minn Zeus, mir-Re Teodozju, minn Pierre de Coubertin).
7. Il-bandiera Olimpika fiha ħames ċrieki ta' kulur differenti li jfissru (l-għaqda, id-distanza, id-differenzi) bejn il-kontinenti tad-dinja.
8. Il-logħob Olimpiku Modern isir kull (tliet, erba', ħames) snin.
9. Logħba li ma kinitx issir fil-logħob Olimpiku Antik imma qiegħda ssir fil-logħob Olimpiku Modern hija l-logħba (tat-tlielaq taż-żwiemel, tal-futbol, tal-ġlied bil-ponn).
10. Illum il-logħob Olimpiku jsir dejjem (f'belt differenti, fl-istess belt, f'Ateni).

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**TMIEM IL-KARTA**